



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9021/19

ECOFIN 468
UEM 139
SOC 346
EMPL 260

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin dwar l-Analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018, kif approvat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) fit-2 ta' Mejju 2019.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin dwar l-Analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar- Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2018

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JILQA' l-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-pajjiżi tal-Kummissjoni, inkluż l-analiżijiet fil-fond fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi, li janalizzaw il-politiki ekonomiċi għal kull Stat Membru u jimmonitorjaw il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2018 (CSRs). JILQA' wkoll l-Komunikazzjoni li takkumpanjahom li fiha l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni u s-severità tal-iżbilanċi.
2. SER jieħu kont ta' dawn l-elementi, kif ukoll tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2019 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, meta jadotta r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2019.

I - ANALIŻIJIET FIL-FOND

3. IQIS li l-analiżijiet fil-fond jippreżentaw analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni tal-pajjiż f'kull Stat Membri taħt analiżi. JIRRIKONNOXXI li l-għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, ġew applikati bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull ekonomija.
4. JAQBEL li t-13-il Stat Membru analizzat fl-analiżijiet fil-fond (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja) qed jesperjenzaw, kollha kemm huma, żbilanċi makroekonomiċi ta' natura u grad ta' severità differenti taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

5. JAQBEL mal-fehma tal-Kummissjoni li jeżistu żbilanċi eċċessivi fi tliet Stati Membri (Ċipru, il-Greċja u l-Italja).
6. JIEĦU NOTA tal-ħsieb tal-Kummissjoni li tkompli tanalizza l-iżviluppi u l-miżuri ta' politika li jittieħdu mill-Istati Membri kollha bi żbilanċi jew bi żbilanċi eċċessivi fil-qafas ta' monitoraġġ speċifiku.
7. ITENNI li l-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku għandha tintuża bil-potenzjal sħiħ tagħha u b'mod trasparenti u konsistenti, filwaqt li tiġi żgurata s-sjieda tal-proċedura mill-Istati Membri, inkluż l-attivazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv fejn titqies xierqa mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. ISOSTNI li kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi, iżda ma tipproponix il-ftuħ tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv lill-Kunsill, din għandha tagħti spjegazzjoni għar-raġunijiet tagħha b'mod ċar u pubblikament.
8. JILQA' l-fatt li l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE qed timxi 'l quddiem permezz tat-tkabbir tal-PDG u l-isforzi ta' politika tal-Istati Membri. JISSOTTOLINJA li għadhom jippersistu l-vulnerabbiltajiet f'ċerti Stati Membri, speċjalment fejn ikunu marbuta ma' żbilanċi persistenti tal-istokkijiet, b'mod partikolari l-iżbilanċi tad-dejn tal-gvern u dak privat jibqgħu f'livelli storikament għoljin u l-korrezzjoni tagħhom mhix qed tipproċedi b'mod mgħaġġel biżżejjed. JISĦAQ li dawn il-livelli għoljin ta' dejn inaqqsu l-ispazju għall-assorbiment ta' xokkijiet ekonomiċi negattivi futuri. JENFASIZZA l-hteġa li jkomplu jiġu mmonitorjati l-iżviluppi fejn ikunu preżenti sinjali ta' xejriet insostenibbli possibbli, partikolarment fejn huma marbuta mat-tkabbir rapidu tal-prezzijiet tad-djar u kostijiet lavorattivi li qed jikbru b'rata mgħaġġla.

9. JINNOTA li sar ħafna progress fost il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi debituri netti fil-korrezzjoni tad-defiċits fil-kont kurrenti tagħhom, iżda stokkijiet kbar ta' dejn estern jibqgħu vulnerabbiltà f'għadd ta' Stati Membri. Fl-istess ħin, JINNOTA li Stati Membri oħra, min-naħa l-oħra, juru surpluses kbar fil-kont kurrenti, li baqgħu persistenti b'sinjali modesti biss ta' tnaqqis. ITENNI li l-Istati Membri bi żbilanċi fil-kontijiet kurrenti jew dejn estern għoli għandhom ukoll ifittxu li jtejbu l-kompetittività tagħhom u li jevitaw it-tkabbir eċċessiv fil-kostijiet tal-unitajiet lavorattivi. Stati Membri b'surpluses kbar fil-kontijiet kurrenti tagħhom għandhom isaħħu aktar l-kundizzjonijiet biex jippromwovu żidiet fil-pagi, filwaqt li jiġi rispettata ir-rwol tas-sħab soċjali, u jkomplu jimplimentaw, bħala prijorità, miżuri li jrawmu l-investment, jappoġġaw id-domanda domestika u l-potenzjal ta' tkabbir, u b'hekk jiġi ffaċilitat ir-riekwilibriju.
10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' azzjoni politika u impenn b'saħħtu għar-riformi strutturali biex jitnaqqsu l-iżbilanċi fl-Istati Membri kollha, inkluż meta dawn jiffaċċaw żbilanċi makroekonomiċi li jaffettwaw il-funzjonament bla xkiel tal-UEM. L-iżbilanċi għandhom jiġu indirizzati b'mod durabbli li jtejjeb ir-reżiljenza u jnaqqas r-riskji, b'enfasi fuq l-isfidi ewlenin, u filwaqt li jinħolqu kundizzjonijiet għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.

II – IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI (CSRs)

11. IFAKKAR li l-valutazzjoni pluriennali mill-Kummissjoni turi li għadd ta' CSRs huma relatati ma' kwistjonijiet strutturali fit-tul li jieħdu ż-żmien biex jiġu indirizzati u li riżultati tanġibbli jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw. JILQA' l-valutazzjoni pluriennali tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tas-CSRs li turi tal-anqas "xi progress" fir-rigward ta' aktar minn żewġ terzi tar-rakkomandazzjonijiet mill-bidu tas-Semestru Ewropew fl-2011 'l hawn. JINNOTA li l-implimentazzjoni ġenerali tas-CSRs tal-2018 hija 'l bogħod milli tkun kompluta u li l-implimentazzjoni tar-riformi għadha tvarja bejn l-oqsma ta' politika u l-pajjiżi. JISĦAQ li riformi ulterjuri jirrikjedu attenzjoni kontinwa u sjieda nazzjonali b'saħħitha.

12. JISĦAQ li fid-dawl tar-riskji globali li qed jiżdiedu u t-tkabbir aktar kajman, implimentazzjoni aktar b'saħħitha tar-riformi hija kruċjali. Il-politika fiskali għandha titwettaq b'rispett sħiħ għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, b'differenzazzjoni xierqa tal-isforzi fiskali madwar l-Istati Membri, biex b'hekk jittieħed kont tal-bżonnijiet rigward l-istabbilizzazzjoni u t-tħassib dwar is-sostenibbiltà. F'dan il-kuntest, JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu evitati passi lura fir-rigward tar-riformi strutturali. JIRRIKONNOXXI li l-Ewropa qed tkompli tiffaċċa sfida fil-produttività, bi tkabbir fil-produttività mraġġan u inferjuri għar-rati ta' tkabbir ta' ekonomiji avvanzati oħrajn. F'dan il-kuntest JIRRIAFFERMA l-importanza tar-riformi strutturali u l-investment, inkluż f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja biex jitrawmu l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u tkun faċilitata d-diffużjoni ta' teknoloġiji ġodda biex jingħataw spinta l-produttività u l-impjiegi.
13. JIEĦU NOTA tal-enfasi akbar fuq il-ħtiġijiet ta' investment fl-edizzjoni tal-2019 tar-Rapporti tal-Pajjiżi u li l-Kummissjoni biħsiebha li fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2019 ikun hemm enfasi aktar b'saħħitha fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' investment. JILQA' l-fatt li sar xi progress mill-Istati Membri fl-oqsma tat-titjib tal-ambjent tan-negożju, it-titjib fl-aċċess għall-finanzjament, speċjalment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju, it-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi u fil-ħolqien ta' sistemi tat-taxxa ġusti u li jiffavorixxu t-tkabbir, filwaqt li jinnota li ma sarx biżżejjed progress fl-indirizzar ta' ostakli għall-investment u biex jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir. ITENNI li għandhom jiġu prijoritizzati aktar ir-riformi strutturali biex jitneħħew l-ostakli għall-investimenti, jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir, jitjieb aktar l-ambjent istituzzjonali u dak tan-negożju, u biex jissaħħu kemm l-effiċjenza amministrattiva kif ukoll il-kwalità regolatorja. JINNOTA il-bżonn li jissaħħaħ is-suq uniku biex b'hekk jitrawmu aktar ir-riformi strutturali fis-swieq tal-prodotti u tas-servizzi u għar-riforma tal-oqfsa ta' insolvenza, biex tiżdied l-effiċjenza tagħhom. Dan jgħin ukoll biex titjieb ir-reżiljenza u biex l-ekonomiji jkunu jistgħu jindirizzaw ix-xokkijiet.

14. JILQA' t-titjib kontinwu fis-sitwazzjoni fi ħdan is-settur bankarju u l-fatt li l-proporzjonijiet ta' self improduttiv stabbilizzaw ruħhom fi kważi l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro l-aktar milquta jew qabdu xejra 'l isfel, iżda JISĦAQ li l-progress għadu żbilanċjat bejn l-Istati Membri u l-banek, li f'xi każijiet jeħtieġ aktar azzjoni f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill. JISĦAQ ukoll fuq il-ħtieġa li tkompli tiġi salvagwardata l-istabbiltà finanzjarja u mħarsa l-indipendenza tal-politika monetarja.
15. JILQA' t-titjib kontinwu fis-swieq tax-xogħol, iżda JINNOTA li għad hemm sfidi importanti. F'xi Stati Membri l-qgħad jibqa' wieħed għoli u l-inugwaljanza hija oġġetiva ta' qabel il-kriżi. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh u dak fit-tul, u biex tizzied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol. Jeħtieġ li s-swieq tax-xogħol u s-sistemi soċjali u tal-edukazzjoni wkoll jadattaw ruħhom biex jiffaċċaw l-isfidi tal-globalizzazzjoni, il-progress teknoloġiku u jlaħħqu mat-tibdil demografiku. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-bżonn ta' oqfsa għan-negozjar tal-pagi li jappoġġaw l-iffissar ta' pagi f'konformità mal-iżviluppi lokali u settorjali tal-produttività u l-qgħad, filwaqt li jiġi rispettati ir-rwol nazzjonali tas-sħab soċjali, kif ukoll il-bżonn ta' azzjoni ta' politika biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol jippermettu l-aġġustament meħtieġ, jiġi appoġġat it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, u biex jiġu żgurati politiki tas-suq tax-xogħol attivi u effettivi.
16. JILQA' l-mod kif il-Kummissjoni inkorporat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fir-rapporti speċifiċi għall-pajjiż biex tinżamm traċċa tal-prestazzjonijiet soċjali u tal-impjiegi, fejn bis-saħħa t'hekk seta' jinżamm il-fokus fuq l-iżbilanċi makroekonomiċi u l-prijoritajiet prinċipali tar-riforma ekonomika.